MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 633/2007/1

**Alexander u Jane konjugi Caruana**

**vs**

**Adrian Fenech u Christopher Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokmenti esebiti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat li l-ligi fl-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta tipprovdi illi:

*“(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet”.*

Fil-kaz in ezami gie pruvat a sodisfazzjoni ta` din il-Qorti li, jekk ikomplu x-xogholijiet in kwistjoni, dawn ser ikunu ta` dannu ghar-rikorrenti; Kif fil-fatt jirrizulta li kienu x-xogholijiet li saru s`issa.

Ghaldaqstant, il-Qorti tipprovdi definittivament billi tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------